MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru. 185/2003

Il-Pulizija
(Spettur Neville Xuereb)
vs
Palamaryuk Galyna

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fis-17 ta’ Frar, 2003 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data xjentement ghamlet uzu minn sigilli, timbri jew marki li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbra jew jimmarka, fl-isem tal-Gvern jew ta’ l-Awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta’ propjeta pubblika, jew li jkunu qeghdin taht il-kustodja pubblika u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 172 u 173 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fis-17 ta’ Frar, 2003 u fil-jiem ta’ qabel din id-data minghajr awtorita legittima uzat jew kellha fil-pussess taghha xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta’ l-Att dwar l-

Imigrazzjoni li kien ffalsifikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibha hatja, wara illi rat l-Artikoli 172 u 173 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 32 (1) (f) tal-Kap. 217;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ikkoperat sew mal-Prosekuzzjoni, anzi kienet hi stess illi infurmat lill-pulizija b'dak illi kien gara, kif ukoll il-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta u irregistrat ammissjoni;

Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannaha ghal prigunerija ta' sena sospiza ghal tmintax il-xahar millum;

Il-Qorti tiddikkjara illi spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta ta' din is-sentenza skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9, tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali kif provdut fl-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------